MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2011

Numru. 972/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**vs**
**Marie Claire Dimech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Marie Claire Dimech ta’ 19-il sena, bint Alfred u Dolores nee’ Rogers, imwielda r-Rumanija fl-14 ta’ Ottubru 1989 u residenti 11 ‘Danmarie’ Triq Salvu Bonanno, San Gwann u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 577389(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Fil-21 ta’ Marzu 2009 fil-hanut bl-isem ‘Movie Zone’ sitwat Triq Bordin, Msida, ffalsifikat jew biddlet, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distinitivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamlet uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh jew zamm ghandu ghall-

bejgh jew importat ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ numru ta’ DVDs u loghob tal-Playstation, ai termini ta’ l-artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampat, immanifatturat, idduplikat jew mod iehor offriet ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u prottetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha, ai termini ta’ l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta’ Settembru, 2009 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-20 ta’ Novembru, 2009 l-imputata ddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw qerq fil-kummerc u ksur ta’ copyright. Mill-provi rrizulta li fil-21 ta’ Marzu 2009 saret raid mill-Pulizija tal-Economic Crimes Unit fil-hanut Movie Zone li jinsab fi Triq Bordin, Msida fejn instabu u

gew elevati 638 dvd ta' films barranin, 120 dvd ta' films Maltin lkoll allegatament ikkupjati, kif ukoll tlett loghbiet tal-Playstation 2 ukoll allegatament ikkupjati. Fil-hanut kien hemm l-imputata Marie Claire Dimech u meta din irrilaxjat stqarrija[1] qalet li l-hanut kien ta' missierha izda hi kienet tahdem mieghu u qalet ukoll li d-dvd's ta' films barranin elevati kienet ikkupjathom hi minn fuq l-originali izda qalet ukoll li kienet ikkupjathom mhux sabiex tikrihom izda sabiex tarahom id-dar filwaqt li d-dvd's ta' films Maltin kienet sabithom fil-hanut meta bdiet tahdem hemm.

Ikkunsidrat:

Illi l-espert tekniku Martin Bajada li gie nominat minn din il-Qorti sabiex jezamina l-kontenut tad-Dvd's u l-loghob tal-Playstation esebiti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u jirrelata dwar l-awtenticita' o meno taghhom ikkonkluda s-segwenti :-

Illi, l-informazzjoni (elenku u analisi) estratta minn fuq hames mija u tlieta u sebghin (573) l-optical diskette tinsab riprodotta f'dan ir-rapport bhala DOK ANALISI.

Illi anness jinsab ukoll kampjun mill-kontenut ta' DOK JM1 appendici C, optical diskette, fejn jirrizulta li dawn il-files huma price list ta' diversi optical diskettes, kopji tal-inlays u imagini ohra fosthom ta' l-optical diskette DOK AD1.

Illi, l-esponent jiddikjara li ttraskriva fis-sewwa, fedelment u bl-ahjar hila u taghrif, l-informazzjoni estratta minn fuq l-optical diskette u DOK JM1 appendici C.

Illi, l-hames mija u tlieta u sebghin (573) optical diskettes analizzati f'dan ir-rapport huma kollha non-compliant fejn non-compliant tfisser li l-prodott mhux konformi fil-kwalita', fl-apparenza, fil-kontenut u fl-ippakkjar mal-prodott licenzjat mill-awturi rispettivi.

Illi, l-process li bih l-informazzjoni, l-film u/jew il-loghob skond il-kaz, giet trasferita ghal fuq l-optical diskette kien

[1] Inserita a fol. 20 sa 21 tal-atti processwali.

permezz ta' DVD Writer/Burner, l-inlays kollha huma printouts bil-kulur u off-trim u l-prodott ippakkjat.

Illi l-optical diskettes in ezami ma' huwiex prodott genwini/originali kif licenzjat mill-awturi rispettivi.

Ikkunsidrat :

Illi kif intqal aktar il-fuq l-imputata qed tigi addebitata bl-imputazzjonijiet ta' qerq fil-kummerc u cioe' ir-reat kontemplat fl-Artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali u bir-reat ta' ksur ta' drittijiet tal-awtur kontemplat fl-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti wara li ezaminat il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li bl-ebda mod ma' jista' jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputata hija hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet. In kwantu jirrigwarda id-Dvd's barranin u l-loghob tal-Playstation jinghad li la ngabet il-prova ta' min kienu il-propjetarji tad-drittjiet tal-awtur koncernati u allegatament ikkupjati u lanqas x'tip ta' intellectual property rights gew infranti. F'dawn il-proceduri xehed Dr. Patrick Galea li esebixxa zewg kwereli fejn f'wahda[2] qed jghid li huwa gie nkarigat jibghat il-kwerela minn Forestals Appliances Limited li kienu qed jagixxu fil-kwalita' taghhom ta' agenti ta' Sony Computer Entertainment Europe Limtied[3] u fl-ohra[4] jindka li kien qed jibghat il-kwerela bhala agent ta' diversi kumpaniji esteri li jipproducu l-films u li huma lkoll elenkati fil-kwerela. Dr. Patrick Galea u l-Prosekuzzjoni izda naqsu milli jipproducu il-prokuri li jindikaw li Forestals Appliances Limited setghu u kellhom il-poter li jagixxu bhala agenti ta' Sony Entertainent Europe Limited u l-prokuri minghand is-socjetajiet esteri elenkati fil-kwerela bhala Dok. PG2 fejn huma kienu qed jinkarigaw lil Dr. Patrick Galea sabiex jagixxi ghan-nom taghhom. Aktar importanti minn hekk il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova li dawn is-socjetajiet indikati fil-kwereli huma l-propjetarji tad-drittijiet tal-awtur jew ta' intellectual property rights ohra li

[2] Dik inserita a fol. 14.
[3] Inseriti a fol. 14 u 15 tal-atti processwali.
[4] Dik inserita a fol. 15.

allegatament gew infranti meta sar l-ikkupjar tad-dvd's u Playstation games esebiti mil-Prosekuzzjoni.

In kwantu jirrigwarda l-120 Dvd Maltin ingabet il-prova li dawn kienu propjeta' ta' Bronx Productions ghaliex tela' jixhed Benny Casha' waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju 2010 fejn dan ikkonferma li huwa kien qed jagixxi ghan-nom ta' Bronx Productions u li dawn tal-ahhar kienu l-copyright owners tal-films ikkupjati fuq id-dvd's indikati fuq Dok. MC5 a fol. 24 tal-process. Il-Prosekuzzjoni izda naqset milli ggib il-prova sal-grad rikjest mill-ligi li tali ksur tal-copyright effettivament sar mill-imputata. Dan jinghad ghal zewg ragunijiet u cioe' (1) la ngabet il-prova li kienet l-imputata li effetwat l-ikkupjar tad-dvd's u (2) lanqas ingabet il-prova li hija kienet il-propjetarja tal-hanut fejn instabu id-Dvd's u kwindi il-persuna responsabblli mill-kiri tal-imsemmija mill-hanut fejn instabu d-dvd's ikkupjati. Mill-provi migjuba mill-imputata fil-fatt irrizulta li l-hanut kien propjeta' ta' missier l-imputata u hija kienet impjegata bhala salesgirl u li kien huwa li kien jixtri d-dvd's li kienu jinkrew. Fl-istqarrija minnha rilaxxjata inoltre l-imputata indikat li d-Dvd's Maltin kienet sabithom hemmhekk meta bdiet tahdem fil-hanut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

In vista tal-fatt li mir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada jirrizulta li d-dvd's u l-loghob tal-Playstation huma lkoll counterfiet il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-Dvd's u tal-loghob tal-Playstation indikati f'Dok. MC2 u dawk esebiti u mmarkati bhala Dok. AD1.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------